

Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10154/19

ECOFIN 609
UEM 212
SOC 461
EMPL 350
COMPET 490
ENV 580
EDUC 296
RECH 329
ENER 333
JAI 690
FSTR 112
REGIO 148

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9925/19 - COM(2019) 501 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Belġju għall-2019 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 tal-Belġju

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 501 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Belġju għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Ħadet kont dovut tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ (' Rakkomandazzjoni għall-2019 għaż-żona tal-euro') li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ('ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro').
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Belġju jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għall-2019 għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt. B'mod partikolari, il-miżuri biex jittejbu s-servizzi ser jgħinu biex tiġi indirizzata l-ewwel rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward ta' swieq ta' servizzi reżiljenti, miżuri biex jittejbu s-sostenibbiltà, l-effiċjenza u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi kif ukoll l-użu ta' qligħ mhux mistenni biex jitnaqqas id-dejn pubbliku ser jgħinu biex tiġi indirizzata t-tieni rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-appoġġ għall-investment, it-titjib tal-finanzi pubbliċi, il-bini mill-ġdid ta' riżervi fiskali u miżuri biex tissaħħa l-effettività tal-politiki tas-suq tax-xogħol ser jgħinu biex tiġi indirizzata t-tielet rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-appoġġ għal tranżizzjonijiet b'suċċess fis-suq tax-xogħol.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

- (3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż għall-2019 għall-Belġju ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Ġie vvalutat il-progress li għamel il-Belġju biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018⁴, is-segwitu li ngħataw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Belġju biex jilħaq il-miri nazzjonali tiegħu tal-Ewropa 2020.
- (4) Fis-26 ta' April 2019, il-Belġju ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 tiegħu. Biex jiġu kkunsidrati r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁴ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 1.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Bħalissa l-Belġju jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2019, il-gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali minn defiċit ta' 0,7 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018 għal 0,0 % tal-PDG fl-2022. Abbażi tal-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid⁶, l-oġġettiv baġitarju għall-perijodu medju, stabbilit għal pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali, mhux ippjanat li jinkiseb matul il-perijodu kopert mill-Programm ta' Stabbiltà għall-2019. Wara li tela' sa kważi 107 % tal-PDG fl-2014 u niżel għal 102 % tal-PDG fl-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 94 % sal-2022, skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2020 'l hemm ma ġewx speċifikati u dan jikkontribwixxi għad-deterjorazzjoni proġettata tal-bilanċ strutturali fl-2020 jekk il-politika ma tinbidilx, skont it-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa għall-2019.
- (7) Fil-5 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-Belġju mar-regola tad-dejn fl-2018. Ir-rapport ikkonkluda, wara valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, li l-analiżi kurrenti mhijiex kompletament konklużiva dwar jekk il-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 ġiex imħares.

⁶ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

(8) Fil-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 tiegħu, il-Belġju jikkonferma t-talba li għamel fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju għall-2019 biex japprofitta mill-flessibbiltà taħt il-fergħa preventiva skont il-"Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-Flessibilità fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" approvata mill-Kunsill fit-12 ta' Frar 2016. Il-Belġju talab devjazzjoni temporanja ta' 0,5 % tal-PDG mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Ir-riformi strutturali jirreferu għal riforma tal-pensjonijiet, "bidla fiskali", riforma tat-tassazzjoni fuq id-dħul tal-kumpanniji, riforma tas-suq tax-xogħol kif ukoll riforma tal-amministrazzjoni pubblika. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni 2019 jikkonferma li l-Belġju jirrispetta l-punt ta' riferiment minimu fl-2019, billi jipprovdi marġini ta' sigurtà lejn il-limitu tad-defiċit tal-PDG-ta'-3 %. Il-miżuri kollha issa ġew leġislati bis-sħiħ, bl-eċċezzjoni tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Minħabba n-natura tagħhom, u b'mod partikolari l-bidla fiskali u r-riforma tagħha tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji, għad hemm inċertezzi dwar l-impatt tagħhom fuq żmien qasir, partikolarment minħabba n-natura newtrali mhux baġitarja tagħhom, li minħabba fihom il-pożizzjoni baġitarja marret għall-aġġar. Madankollu, il-miżuri tejbu l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija, naqqsu r-rata tal-qgħad u naqqsu r-riskji tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u b'hekk kellhom impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tad-dejn fuq żmien medju u twil. Fuq din il-bażi, il-Belġju bħalissa jista' jitqies li jikkwalifika għad-devjazzjoni temporanja mitluba ta' 0,5 % tal-PDG fl-2019, dment li jimplementa r-riformi miftiehma b'mod adegwat, li se jiġu mmonitorjati fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

- (9) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda li l-Belġju jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali ta' nefqa primarja netta tal-gvern⁷ ma taqbiżx il-1,8 % fl-2019, ekwivalenti għal aġġustament annwali strutturali ta' 0,6 % tal-PDG. Billi l-Belġju jikkwalifika għad-devjazzjoni temporanja mitluba ta' 0,5 % tal-PDG taħt il-klawsola ta' riforma strutturali, l-aġġustament strutturali meħtieġ għall-2019 jista' jitnaqqas għal 0,1 % tal-PDG, li jikkorrispondi għal rata nominali ta' tkabbir tan-nefqa primarja netta li ma taqbiżx it-2,8 % fl-2019. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustamenti rakkomandat lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju matul l-2018 u l-2019 flimkien.

⁷ In-nefqa primarja netta tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss ifffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

(10) Fl-2020, fid-dawl tal-fatt li d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG tal-Belġju huwa 'l fuq minn 60 % tal-PDG u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' 0,1 %, ir-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta jenħtieġ li ma taqbiżx il-1,6 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni 2019 taħt il-politiki mhux mibdula, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2020. Prima facie mhuwiex previst li l-Belġju se jikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2019 u fl-2020. Kollox ma' kollox il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2019 'il quddiem se jkunu meħtieġa miżuri sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ikun importanti li jintuża kwalunkwe qligħ mhux mistenni biex ikompli jitnaqqas il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika. Is-sostenibbiltà għall-perijodu medju u twil tal-finanzi pubbliċi tal-Belġju tkompli tkun friskju minħabba l-kombinazzjoni ta' proporzjon għoli ta' dejn mal-PDG u ż-żieda prevista fl-ispejjeż tat-tixjiħ, partikolarment dawk marbuta mal-pensjonijiet u l-kura fit-tul. Sett ta' riformi tal-pensjonijiet ġie leġiżlat fl-2015, li wassal għal żieda fl-età statutorja tal-irtirar minn 65 għal 66 sena mill-2025 u għal 67 mill-2030. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-età u tal-anzjanità biex wieħed jibbenefika minn irtirar kmieni saru wkoll aktar stretti. Madankollu n-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet xorta tiżdied b'2,9 punti perċentwali tal-PDG bejn l-2016 u l-2070, l-aktar matul l-għoxrin sena li ġejjin. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tal-irtirar bikri għal bosta gruppi kbar ta' impjegati taċ-ċivil jibqgħu aktar favorevoli mill-kundizzjonijiet standard. L-infiq pubbliku fuq il-kura fit-tul huwa previst li jiżdied b'1,7 punti perċentwali tal-PDG bejn l-2016 u l-2070, żieda 'l fuq mill-medja li tibda minn dik li diġà hija waħda mill-ogħla livelli fl-Unjoni. Il-frammentazzjoni organizzattiva tal-kura fit-tul, b'kompetenzi li bħalissa huma mifruxa fuq livelli amministrattivi differenti, tisfida xi dimensjonijiet tal-effiċjenza fl-infiq, u għalhekk l-impatt nett tat-trasferiment reċenti tar-responsabbiltajiet għadu mhux ċar. It-tisħiħ tal-governanza jgħin biex jinkisbu ż-żidiet maħsuba fl-effiċjenza. Jista' jkun hemm lok biex tittejjeb it-taħlita ta' kura biex tiżdied il-kosteffiċjenza tas-sistema tal-kura fit-tul.

- (11) Il-kompożizzjoni u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku jistgħu jittejjbu sabiex jinħoloq spazju għal aktar investiment pubbliku. Minkejja tnaqqis riċenti, in-nefqa totali bħala sehem tal-PDG fil-Belġju tibqa' fost l-ogħla fiż-żona tal-euro. Il-livell għoli ta' nefqa pubblika jissuġġerixxi li hemm lok għal aġġustament fiskali aktar ibbażat fuq l-infiq. Minħabba l-livell għoli ta' nefqa pubblika, ir-riżultati ta' ċerti politiki u l-kwalità ta' ċerti servizzi pubbliċi jqajmu mistoqsijiet rigward il-kosteffiċjenza. Reviżjonijiet ta' nfiq u evalwazzjonijiet ta' politika jistgħu jgħinu lill-Belġju jipprijoritizza u jtejjeb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Barra minn hekk, ir-rieżamijiet tal-infiq jistgħu jintużaw biex tiġi vvalutata l-effiċjenza tal-appoġġ pubbliku indirett għar-Riċerka u l-Iżvilupp tan-negozju, li huwa wieħed mill-ogħla fl-Unjoni, bħala persentaġġ tal-PDG u li kompli jiżdied is-sena l-oħra. L-awtoritajiet federali u reġjonali reċentement esprimew interess li jintegraw ir-rieżami tan-nefqa fil-mekkaniżmu baġitarju tagħhom.
- (12) Il-koordinazzjoni tal-baġit bejn l-entitajiet bħalissa mhix flessibbli biżżejjed biex toħloq spazju għall-investiment pubbliku fi proġetti fuq skala kbira. Huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni effettiva tal-baġit fi Stat Membru federali bħall-Belġju, fejn il-parti kbira tas-setgħat tan-nefqa ġiet ittrasferita lill-gvernijiet sottonazzjonali. Għad m'hemmx ftehim formali dwar il-miri annwali fil-livelli kollha tal-gvern, minkejja l-ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat fl-2013, li jikkomplika l-koordinazzjoni tal-baġit. B'kuntrast mal-prattika ta' Programmi ta' Stabbiltà preċedenti, meta l-Kumitat ta' Konċertazzjoni ħa nota tat-trajettorja fiskali, il-livelli kollha tal-gvern approvaw it-trajettorja fiskali ġenerali ppreżentata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u appoġġaw il-kisba tal-miri fiskali sal-2020 għal kull livell tal-gvern. Għalkemm din l-approvazzjoni żiedet il-kredibilità mat-trajettorja ġenerali, ma kien hemm l-ebda ftehim formali dwar il-miri fiskali annwali f'kull livell ta' gvern. Nuqqas ta' qbil dwar il-miri f'kull livell ta' gvern jista' jdgħajjef il-vijabbiltà tat-trajettorja ġenerali lejn l-oġettiv ta' żmien medju. Barra minn hekk, dan jimpedixxi t-taqsimha inkarigata mir-reqwiżiti tas-self tas-settur pubbliku tal-Kunsill Għoli tal-Finanzi milli tissorvelja b'mod effettiv il-konformità ma' dawn il-miri. Il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 kien fih biss miri baġitarji indikattivi ġenerali u intermedjarji billi l-elezzjonijiet saru fil-livell federali u fil-livell tar-Reġjuni u l-Komunitajiet fis-26 ta' Mejju 2019.

- (13) It-tkabbir ekonomiku riċenti rriżulta fi tkabbir tal-impjiegi u l-impjiegi huma fl-ogħla livell fl-aħħar għaxar snin. Madankollu, it-tranżizzjonijiet mill-inattività jew mill-qgħad għall-impjiegi għadhom baxxi u l-Belġju mhux fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira tal-impjiegi tal-Ewropa 2020 ta' 73,2 %. Għad hemm differenzi reġjonali qawwija fis-suq tax-xogħol. Minkejja tnaqqis kostanti matul dawn l-aħħar ħames snin, il-qgħad fost iż-żgħażaġ huwa ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni fi Brussell. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija baxxa għall-persuni b'ħiliet baxxi, persuni bi sfond ta' migrazzjoni, ħaddiema anzjani u persuni b'diżabilità, u jissuġġerixxi li kemm il-fatturi strutturali kif ukoll dawk speċifiċi għall-grupp ifixklu l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, filwaqt li l-miżuri ta' attivazzjoni eżistenti mhumiex effettivi b'mod ugwali għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni. Ir-rata tal-impjiegi ta' ħaddiema ikbar fl-età (55-64 sena) tibqa' taħt il-medja tal-Unjoni u d-differenza mal-medja tal-Unjoni tibqa' għolja għal dawk li għandhom iktar minn 60 sena. Persuni bi sfond ta' migrazzjoni, b'mod partikolari n-nisa, ikomplu jesperjenzaw qgħad ogħla, rati aktar baxxi ta' attività, faqar ogħla fix-xogħol u kwalifiki żejda. Filwaqt li ttieħdu xi miżuri biex jappoġġjaw l-integrazzjoni ta' dawk li waslu reċentement u biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni, għadu nieqes approċċ ikkoordinat biex jindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw nies bi sfond ta' migrazzjoni. Biex tiġi indirizzata l-parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol, ittieħdu miżuri bħala parti mir-riforma "Ftehim tal-Impjiegi", iżda l-impatt tagħhom għad irid jiġi evalwat.
- (14) Għad baqa' diżinċentivi finanzjarji importanti biex wieħed isib impjieg. Għalkemm il-bidla fit-taxxa naqqset il-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol, din tibqa' medja għolja għal dawk kollha li jaqilgħu paga, ħlief għal dawk li jaqilgħu pagi baxxi ħafna (50 % tal-paga medja). Il-Belġju jibqa' l-uniku Stat Membru li fih il-benefiċċji tal-qgħad mhumiex limitati fiż-żmien, għalkemm jaqgħu gradwalment. Hemm diżinċentivi finanzjarji għall-benefiċjarji ta' skemi ta' mard u diżabilità u t-tieni persni bil-paga biex jieħdu xogħol full-time. B'mod partikolari, ġenituri waħedhom (u sa ċertu punt koppji bit-tfal) jiffaċċjaw inċentivi finanzjarji limitati biex jibdew impjieg (full-time) minħabba taħlita ta' spejjeż u rtirar ta' benefiċċji. Barra minn hekk, problemi ta' koordinazzjoni jistgħu jinqalgħu minħabba l-qsim tar-responsabbiltajiet għall-protezzjoni soċjali bejn il-livelli federali, reġjonali u lokali. Is-sistema tas-sigurtà soċjali ma tkoprix formalment dawk li jaħdmu għal rashom għall-benefiċċji tal-qgħad, l-inċidenti fuq ix-xogħol u l-mard ikkaġunat mix-xogħol.

(15) It-tnaqqis fil-prestazzjoni edukattiva fl-edukazzjoni obbligatorja u l-eżistenza ta' disparitajiet sinifikanti fis-sistema edukattiva jibqgħu ta' tħassib. Il-perċentwal ta' zgħażaġh li ma jafux ħiliet bażiċi jista' jittejjeb b'mod partikolari fil-Komunità Franċiża fejn dak il-perċentwal ikun ogħla mill-medja tal-OECD. Id-differenza fir-riżultati edukattivi minħabba l-isfond soċjoekonomiku u tal-migrazzjoni hija kbira. L-ġhalliema għandhom bżonn aktar appoġġ biex jindirizzaw id-diversità u għad hemm il-ħtieġa li l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-ġhalliema jiġi adattat. Ir-riformi biex jitjiebu r-riżultati edukattivi u biex jiġu indirizzati d-disparitajiet għandhom jiżdiedu biex jagħtu spinta lit-tkabbir intensiv fl-għarfien, sostenibbli u inklużiv u l-inklużività soċjali. L-implimentazzjoni tal-"Patt għall-Eċċellenza", ir-riforma tal-iskola ewlenija tal-Komunità Franċiża biex ittejjeb il-ħiliet bażiċi, l-effiċjenza, il-governanza u tindirizza l-inugwaljanzi, miexja 'l quddiem. Digrietni dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-ġhalliema, dwar il-kurrikulu komuni tal-iskejjel bażiċi, dwar l-istat tad-diretturi tal-iskola u t-tiżni tal-għarfien tal-Franċiż għal studenti ġodda ġew adottati u se japplikaw minn Settembru 2020. Il-Komunità Fjamminga qed timplimenta xi riformi fl-edukazzjoni sekondarja mill-2019/2020, iżda l-intraċċar bikri tal-istudenti jibqa' ta' tħassib. L-impatt ta' dawn ir-riformi u l-miżuri se jiddependi wkoll fuq l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tagħhom. Il-Parlament federali naqqas ukoll l-età tal-edukazzjoni obbligatorja minn sitt għal ħames snin. Minħabba l-livelli ta' nfiq diġà għoljin fuq l-edukazzjoni, ir-riformi għandhom jiġu implimentati b'enfasi aktar qawwija fuq iż-żieda fl-effiċjenza u l-effettività tas-sistema, u l-kapaċità tagħha li twassal kompetenzi rilevanti orjentati lejn il-futur u għas-suq tax-xogħol.

(16) Id-diskrepanzi fil-ħiliet u l-mobilità baxxa tal-impjieggi jfixklu t-tkabbir tal-impjieggi u tal-produttività. Minkejja diversi miżuri reġjonali u federali meħuda biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u jżidu l-attivazzjoni, inkluż bħala parti mir-riforma tal-"Ftehim tal-Impjieggi", in-nuqqasijiet ta' ħaddiema huma osservati f'diversi setturi, partikolarment fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-kostruzzjoni u s-saħħa. It-tkabbir tas-settur tal-kostruzzjoni huwa mrażżan minħabba nuqqas ta' ħiliet u nuqqas ta' ħaddiema. Hemm bżonnijiet importanti f'termini ta' ħiliet mill-ġdid u ħiliet tal-ħaddiema f'xi setturi. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ u l-mobilità tal-impjieggi huma wkoll baxxi. Skont il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019, ħiliet lingwistiċi f'qar huma kwistjoni importanti, partikolarment fi Brussell, fejn madwar 50 % tal-offerti tax-xogħol jeħtieġu l-għarfien kemm tal-Franċiż kif ukoll tan-Netherlandiż. Il-kisba tal-edukazzjoni terzjarja hija għolja, imma hemm ftit wisq gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM). Fl-2016, il-Belġju kklassifika fis-26 post fl-Unjoni għal gradwati terzjarji fl-edukazzjoni STEM b'rata baxxa ta' parteċipanti ġodda f'oqsma ta' edukazzjoni terzjarja relatati, b'mod partikolari għan-nisa. L-implimentazzjoni ġenerali tal-"Pjan ta' Azzjoni STEM 2012-2020" fi Flanders turi progress, iżda l-għadd ta' gradwati sekondarji STEM f'oqsma tekniċi u vokazzjonali ilu staġnat mill-2010. Il-Komunità Franċiża m'għandha l-ebda strateġija ta' politika STEM u għad trid timplimenta l-"Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali" taġħha adottata reċentement għall-iskejjel. In-nuqqas ta' professjonisti b'għarfien fl-intraprenditorija u fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika jżomm lura l-iżvilupp tan-negozji ġodda. Il-livell ġenerali tal-ħiliet diġitali huwa tajjeb, imma mhux qed jitjieb. Il-programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 jenfasizza l-ftehim bejn il-Flanders u l-Wallonia u l-ftehim ippjanat bejn il-Flanders u r-Reġjun ta' Brussell-Kapitali biex tittejjeb il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol interreġjonali.

(17) Ir-riċerka u l-iżvilupp huma kkonċentrati fi ftit industrij u m'hemmx biżżejjed diffużjoni tal-innovazzjoni għall-bqija tal-ekonomija, u fl-aħħar mill-aħħar dan huwa ta' piż fuq it-tkabbir tal-produttività. Ir-riċerka ffinanzjata pubblikament tidher li hija taħt il-medja tal-Unjoni. F'termini ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni, hemm ukoll differenzi reġjonali u subreġjonali. Il-Patt Nazzjonali għall-Investment Strateġiku jidentifika t-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni bħala mezz promettenti biex tingħata spinta lill-produttività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Belġju. Dan jeħtieġ investimenti fl-infrastruttura diġitali, inkluż it-teħid ta' passi effettivi għat-tneġġja b'suċċess tal-5G, u l-kapital uman u l-ispirtu intraprenditorjali kif ukoll l-użu aċċellerat tat-teknoloġija diġitali, b'mod partikolari minn dawk id-ditti li kienu għadhom lura s'issa.

- (18) Il-kwalità tal-infrastruttura tat-toroq qed tiddeterjora wara snin ta' investiment pubbliku baxx. Fl-istess ħin, il-manutenzjoni ta' netwerk kbir u dens ma tidhirx kosteffikaċi għar-reġjuni u l-awtoritajiet lokali. It-toroq fil-Belġju huma fost l-aktar konġestjonati fl-Unjoni. L-infrastruttura ferrovjarja hija densa u ta' kwalità tajba, iżda t-tlestija u t-titjib tagħha jibqgħu sfida u hemm konġestjoni speċjalment madwar Brussell u fl-aċċess għall-portijiet ta' Antwerp u Zeebrugge. Investimenti sinifikanti huma ppjanati fl-infrastruttura ferrovjarja suburbana u fis-sinjalar, iżda qed jinżammu lura b'mod partikolari permezz tar-regoli ta' allokazżjoni tal-baġit fir-reġjuni. Barra minn hekk, inċentivi u ostakoli ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u l-investiment fis-servizzi domestiċi ferrovjarji tal-passiġġieri u s-servizzi tal-kowċis interurbani jillimitaw il-provvista u d-domanda ta' servizzi alternattivi tat-trasport kollettiv u b'karbonju baxx. Il-konġestjoni dejjem tiżdied hija parzjalment spjegata biż-żieda kontinwa tal-karozzi tal-passiġġieri, inċentivata minn toroq bla ħlas, it-tnaqqis tal-karozzi tal-kumpannija u tassazzjoni ambjentali baxxa. Taxxi għoljin fuq it-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli u l-iskema tal-karozzi tal-kumpannija jaffettwaw ħażin il-mobilità. Il-kwalità tas-servizzi ferrovjarji naqset u l-provvista ta' trasport pubbliku urban u urban-rurali għandha lok għal titjib, b'mod partikolari fil-Wallonia, fejn l-aċċess għall-impjiegi huwa restrizzjoni maġġuri għal dawk li qed ifittxu xogħol. Skont il-Programm ta' Riforma Nazzjonali għall-2019, għaddejjin investimenti u riformi importanti fir-reġjuni kollha, filwaqt li fil-livell federali, u f'kooperazzjoni mar-Reġjuni, it-tlestija tan-netwerk tal-ferroviji suburbani madwar Brussell miexja 'l quddiem. Il-Belġju adotta l-liġi biex jinfetħu servizzi ferrovjarji domestiċi, iżda s-sehem tat-trasport tal-passiġġieri provdut taħt l-obbligi tas-servizz pubbliku b'kuntratt mogħti direttament għadu għoli ħafna fil-Belġju. L-operaturi privatital-karozzi tal-linja mhumiex permessi joperaw servizzi tal-kowċis interurbani. Ir-regolamenti tat-taxis jvarjaw bejn l-awtoritajiet lokali. Għalkemm ir-reġjuni żviluppaw il-pjanijiet ta' mobiltà tagħhom stess, koordinazzjoni kumplessa tipprevjeni viżjoni konsistenti għall-mobilità fil-Belġju, u possibilment ma' bliet u reġjuni tal-fruntiera. Ir-Regolatur Ferrovjarju għandu spazju biex jiżviluppa l-ambitu tal-attivitajiet regolatorji tiegħu.
- (19) Hemm bżonn ta' investiment sostanzjali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija. Ir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini l-antik, li nbena qabel l-introduzzjoni tan-normi tal-enerġija, se tgħin biex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2020 u l-2030. L-introduzzjoni ta' fjuwil alternattiv hija pjuttost baxxa. Hemm bżonn ta' investiment maġġuri fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, kif ukoll fil-kapaċità ta' interkonnessjoni, ħażna permezz ta' grids intelliġenti u effiċjenza tal-enerġija.

(20) Minkejja l-isforzi tal-gvern, il-piż regolatorju u amministrattiv fuq id-ditti jibqa' tqil u għandu piż fuq l-intraprenditorija. It-tassazzjoni tnaqqset għall-kumpanniji l-ġodda u l-kumpanniji żgħar, iżda tibqa' kumplessa għall-investimenti finanzjarji. Il-Belġju rriforma l-kodiċi tal-liġi tal-kumpanniji tiegħu, naqqas l-għadd ta' forom legali għall-kumpanniji, iffaċilita l-komunikazzjoni elettronika legali, naqqas ir-rekwiżiti minimi tal-kapital u, skont il-Programm ta' Riforma Nazzjonali għall-2019, irriforma l-liġi tal-insolvenza biex tinkludi b'mod partikolari professjonijiet liberali. Madankollu, minkejja dawn l-isforzi, hemm dewmien twil għall-permessi tal-bini, reġistrazzjoni għolja tal-proprietà u proċeduri għudizzjarji twal. Il-ġustizzja amministrattiva qed tesperjenza sfidi minħabba nuqqas ta' riżorsi u proċeduri twal, u dan qed jikkawża dewmien importanti, b'mod partikolari għall-permessi ta' xiri, iżda wkoll għal proċeduri ta' akkwist. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni fil-klima, l-enerġija, il-politika diġitali u tat-trasport hija kumplessa u tista' tittejjeb. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tad-dwana u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq hija subottimali u żżid ir-riskju li merkanzija mhux konformi tidħol fl-Unjoni mill-fruntieri Belġjani. Il-valutazzjoni tal-impatt tista' tkun integrata aħjar fil-proċess tat-tfassil tal-politika. Il-kwalità tas-servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji hija baxxa. In-nuqqas ta' diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja tibqa' sfida serja, b'mod partikolari għall-ġbir tad-data. It-tlestija tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja hija kundizzjoni importanti għal aktar titjib tal-kwalità tas-sistema tal-ġustizzja, bħall-aġġornament tal-proċessi tan-negozju u l-immaniġġjar aħjar tar-riżorsi umani u finanzjarji fil-qrati.

- (21) L-ostakli għall-kompetizzjoni u l-investment f'diversi servizzi tan-negozju jfixklu t-tkabbir u l-produttività. Ir-rati ta' dħul ta' fornituri ta' servizzi ġodda huma b'mod sinifikanti taħt il-medja tal-Unjoni, filwaqt li r-rati ta' profitt huma ogħla mill-medja tal-Unjoni. L-indikatur tar-restrizzjoni tal-Kummissjoni juri li l-qafas regolatorju Belġjan għall-kontabilisti, il-konsulenti tat-taxxa, il-periti u l-aġenti tal-proprjetà immobbli huwa konsiderevolment aktar restrittiv mill-medja tal-Unjoni. Liġi adottata reċentement introduċiet rekwiżiti aktar stretti għall-aġenti tal-privattivi. L-Uffiċċju Federali għall-Ippjanar jistma li tnaqqis ambizzjuż tal-piż regolatorju fis-servizzi legali, tal-kontabilità u tal-arkitettura jista' jżid il-produttività tax-xogħol. Il-miżati regolati tan-nutara għal transazzjonijiet ta' proprjetà immobbli huma sinifikanti, u jżidu mat-taxxi għoljin ta' reġistrazzjoni. Ir-reġjuni rriformaw b'mod mhux ugwali s-snaġġa u l-professjonijiet tal-kummerċ. Is-settur tal-bejgħ bl-imnut għadu qed jiffaċċja restrizzjonijiet operattivi li jfixklu l-produttività tiegħu u jiskoraġġixxu l-investment. Is-settur tas-supermarkets juri livell ta' kompetizzjoni mhux ottimali, l-aktar minħabba konċentrazzjoni għolja u dinamiċi baxxi ta' dħul u ħruġ. Skont l-Indikatur tar-Restrittività tal-Bejgħ bl-Imnut, il-Belġju huwa s-sitt Stat Membru l-aktar restrittiv fir-rigward tal-ambjent operattiv għall-bejjiegħa bl-imnut. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 jenfasizza r-riformi riċenti fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali biex jiffaċilita l-istabbiliment tal-bejgħ bl-imnut. Is-suq tat-telekomunikazzjoni huwa kkaratterizzat minn livell għoli ta' konċentrazzjoni (iktar aċċentwat mill-akkwisti riċenti) u l-kompetizzjoni dgħajfa. Dan jintwera wkoll bi prezzijiet relattivament għoljin għal servizzi fissi meta mqabbla mal-pajjiżi l-oħra. Fin-netwerks fissi, is-suq tal-bejgħ bl-imnut huwa kkaratterizzat minn duwopolji definiti ġeografikament tal-operaturi preeżistenti u tan-netwerk tal-kejbil. Dan jista' joħloq ostakli għall-forniment ta' qatta servizzi mobbli fissi konverġenti minn xi operaturi. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 jenfasizza li r-riforma tal-liġi ekonomika biex tittejjeb il-konformità tal-liġi tal-kompetizzjoni u l-funzjonament tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni Belġjana, billi tagħmel il-proċeduri aktar effiċjenti u tnaqqas ir-riskju ta' aktar tilwimiet quddiem il-"Cour des Marchés/Marktenhof", ġiet adottata. L-awtorità Belġjana tal-kompetizzjoni għandha riżorsi limitati meta mqabbla mar-riżorsi tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Stati Membri oħra.
- (22) L-iprogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż. Dan jippermetti li l-Belġju jagħmel l-aħjar użu minn daww il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li jqis id-differenzi reġjonali.

- (23) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Belġju u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Belġju fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Belġju imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (24) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u l-opinjoni tiegħu⁸ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Belġju jieħu azzjoni fl-2019 u l-2020 biex:

1. Jiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta ma taqbiżx il-1,6 % fl-2020, li tikkorrispondi mal-aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Juża d-dħul mhux mistenni biex id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG jonqos aktar malajr. Ikompli r-riformi biex jiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-kura u tal-pensjoni fit-tul, inkluż billi jillimita l-possibilitajiet ta' ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol. Itejjeb il-kompożizzjoni u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku, b'mod partikolari permezz ta' analiżi tal-infiq, u l-koordinazzjoni tal-politiki fiskali mil-livelli kollha tal-gvern biex jinħoloq spazju għall-investment pubbliku.
2. Jelimina d-diżinċentivi għax-xogħol u jsaħħaħ l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'ħiliet baxxi, dawk akbar fl-età u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Itejjeb il-prestazzjoni u l-inklużività tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ u jindirizza diskrepanzi fil-ħiliet.

⁸ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq trasport sostenibbli, inkluż it-titjib tal-infrastruttura ferrovjarja, it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' karbonju u l-enerġija u r-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fid-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali. Jindirizza l-isfidi dejjem akbar tal-mobilità, billi jirrinforza l-inċentivi u jneħħi l-ostakli biex tiżdied il-provvista u d-domanda tat-trasport kollettiv u b'emissjonijiet baxxi.
4. Inaqas il-piż regolatorju u amministrattiv biex tiġi inċentivata l-intraprenditorija u jitneħħew l-ostakli għall-kompetizzjoni fis-servizzi, partikolarment is-servizzi tat-telekomunikazzjoni, tal-bejgħ bl-imnut u dawk professjonali.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
